I

*(Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# ID-DEĊIŻJONI NRU. 2239/2004 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tas-17 ta' Novembru 2004

## li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru. 1999/784/KE dwar il-parteċipazzjoni tal-Komunità fl-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 157(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Wara li jikkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3])

Billi:

(1) Fid-Deċiżjoni 1999/784/KE ([4]) il-Kunsill ddeċieda li l-Komunità għandha ssir membru ta' l-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew (minn issa l'quddiem "l-Osservatorju") sabiex tagħti sostenn lill-attività ta' dan ta' l-aħħar. L-Osservatorju jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kompetittività ta' l-industrija awdjoviżiva tal-Komunità billi jtejjeb it-trasferiment ta' informazzjoni lill-industrija, b'mod partikolari lil intrapriżi zgħar u ta' daqs medju, u tippromovi fehma iktar ċara tas-suq.

(2) Il-multimedja u t-teknoloġiji l-ġodda se jkollhom rwol dejjem akbar fis-settur awdjoviżiv. L-Osservatorju jistgħa jkompli jkollu r-rwol importanti tiegħu jekk il-kapaċità tiegħu li jsegwi dawn l-iżviluppi l-ġodda tiġi msaħħa meta jkun f'waqtu.

(3) Għalkemm il-moviment liberu tal-persuni, tal-merkanzija u tas-servizzi hu miġbur fit-Trattat, in-nuqqas ta' informazzjoni dwar il-bosta differenzi f'regolamenti nazzjonali fl-oqsma tal-liġi fiskali u tax-xogħol hu ta' ostaklu għall-moviment liberu ta' merkanzija u servizzi awdjoviżivi. L-Osservatorju jista' joffri kontribut positiv billi jiġbor u jipprovdi esperti u informazzjoni sistematika fil-oqsma tal-liġi fiskali u tax-xogħol, tad-dritt ta' l-awtur u tal-liġi għall-ħarsien tal-konsumatur.

(4) Wara r-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-4 ta' Settembru 2003 dwar it-Televiżjoni mingħajr fruntieri, li sejħet għal rapport annwali ta' benchmarking dwar kif it-TV diġitali tista' tiġi magħmula aċċessibbli għal persuni b'diżabilità, l-Osservatorju għandu jiġi mistieden sabiex jiġbor data fuq bażi annwali dwar il-livelli ta' servizzi tat-televiżjoni pprovduti fl-Istati Membri kollha ta' l-Unjoni Ewropea jew tal-Kunsill ta' l-Ewropa biex jassistu l-persuni b'diżabbilità, bħal ma huma t-tpoġġija ta' sottotitoli, deskrizzjoni bl-awdjo u lingwa tas-sinjali.

(5) ġie ppruvat li l-parteċipazzjoni tal-Komunità fl-Osservatorju hija effettiva biex tagħti sostenn lill-attività ta' dan ta' l-aħħar.

(6) Huwa xieraq li titkompla tali parteċipazzjoni tul il-perijodu meħtieġ biex l-Osservatorju jadotta linji gwida għall-attività futura tiegħu, mill-2006 il'quddiem.

(7) Id-Deċiżjoni 1999/748/KE għandha għalhekk tiġi hekk emendata,

([1]) ĠU C 98, tat-23.4.2004, p. 34.
([2]) ĠU C 241, tat-28.9.2004, p. 15.
([3]) L-opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' April 2004 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2004.
([4]) ĠU L 307, tat-2.12.1999, p.61.

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

*Artikolu Waħdieni*

L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 1999/784/KE għandu jinbidel b'li ġej:

"*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sa l-aħħar ġurnata ta' l-aħħar xahar tas-seba' sena wara s-sena ta' l-adozzjoni tagħha."

Magħmula fi Strasburgu, 17 ta' Novembru 2004.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BORRELL FONTELLES | A. NICOLAÏ |